MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 52/2011

**Jorgen Brincat**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Jorgen Brincat fejn gie premess:-

Illi l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat bi traffikar tad-droga kokajina u tad-droga MDMA (ecstasy) kif ukoll b'pussess ta' l-istess kokajina u MDMA taht cirkostanzi li kienu juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi nonostante l-ammonti negligibbli ta' droga misjuba fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, l-Avukat Generali, bis-sahha ta' l-artikoli 22(2) u 120A(2) tal-Kapitolu 101 u tal-Kapitolu 31 rispettivament, ordna li l-esponent jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontrih.

Illi iktar minn sentejn qabel ma tressaq il-Qorti, u cioe` fil-21 ta' Ottubru tas-sena 2005, l-esponent kien gie interrogat mill-Pulizija u ammetta li f'xi okkazzjonijiet huwa kien biegh id-droga msemmija. Din l-istqarrija giet ukoll sussegwentement guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Illi l-esponent irrilaxxja dawn l-istqarrijiet minghajr ma kien assistit minn avukat, la qabel l-interrogatorju u wisq anqas matulhom.

Illi skond l-espert mahtur mill-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud, id-droga misjuba konnessa mal-kaz kienu mitt pillola MDMA (ecstasy) u ftit iktar minn seba' (7) grammi kokajina.

Illi huwa risaput li f'kazijiet fejn l-akkuzi jkunu relatati ma' droga, il-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tghin sabiex min jinstab hati jibbenifika minn tnaqqis sostanzjali tal-perijodu ta' prigunerija. Effettivament tali kuncett ta' tnaqqis huwa anke sancit bil-ligi fil-Kapitoli 101 u 31 fuq imsemmija.

Illi kien proprju ghalhekk li, xi sentejn wara l-investigazzjoni tal-Pulizija, meta l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontrih. L-esponent, tenut kont tal-kontenut ta' l-istqarrijiet tieghu, ma kellux triq ohra ghajr li jghin lill-awtoritajiet sabiex il-piena lilu moghtija tkun wahda ragjonevoli u dan naturalment a skans ta' difiza li setghet issir li kieku huwa kien assistit minn avukat meta rrilaxxja l-istqarrijiet tieghu.

Illi f'gheluq il-kumpilazzjoni, nonostante li kollox kien jindika li kellu jinhareg kontro-ordni, l-Avukat Generali hareg att ta' akkuza bl-istess akkuzi originarjament

mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva. Jirrizulta car mill-esposizzjoni tal-fatti tal-kapi ta' dan l-att ta' l-akkuza dwar traffikar li dawn inhargu a bazi ta' dak li kien qal l-esponent f'dawn l-istqarrijiet meta ma kellux l-assistenza ta' avukat.

Illi mhux biss dawn l-istqarrijiet ippregudikaw lill-esponent fid-difiza tieghu izda addirittura kienu strumentali fl-ghazla ta' l-Avukat Generali biex fl-ewwel lok jordna li l-esponent jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali u, fit-tieni lok, f'gheluq il-kumpilazzjoni, ma jaghmilx kontro-ordni sabiex il-kaz tieghu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li li kieku ttiehdet id-decizjoni li l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, il-parametri tal-piena kienu jkunu ferm inqas.

Illi l-esponent, rinfaccat bid-decizjoni reiterata ta' l-Avukat Generali li l-kaz tieghu jigi deciz mill-Qorti Kriminali, in vista tal-provi kontrih estrapolati b'mod leziv ghad-drittijiet fondamentali tieghu, ghazel li, flimkien ma' l-istess Avukat Generali, jiddikjara li fl-eventwalita` ta' ammissjoni, il-piena li kellha tigi nflitta fil-konfront tieghu kellha tkun dik ta' prigunerija ghal perijodu ta' sitt snin flimkien ma' multa ta' hmistax-il elf euro (€15000). Dan ghamlu sabiex b'xi mod jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena. Infatti illum il-gurnata l-esponent qieghed jiskonta l-piena ta' prigunerija imsemmija.

Illi llum huwa principju stabbilit li l-mankanza tal-prezenza ta' avukat f'dan l-istadju hija fil-fatt leziva tad-drittijiet ta' l-akkuzat ghall-smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan il-punt gie stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-11 ta' April 2011 fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera. Dik il-Qorti esprimiet il-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett tal-investigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxa stqarrija. L-istess lezjoni giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali f'zewg sentenzi moghtija nhar it-12 ta' April 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina)

vs Mark Lombardi u Il-Pulizija (Supt. Norbert Ciappara) vs Esron Pullicino.

Illi fic-cirkostanzi u fid-dawl tad-dicta tal-Qorti Kostituzzjonali u tad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja citati in extenso u b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali, l-esponent qieghed iqajjem il-kwistjoni li l-istqarrijiet tieghu mehuda minghajr ma kien assistit minn avukat kienu lezivi tad-drittijiet tieghu ghall-smigh xieraq kif sanciti fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi naturalment fiz-zmien meta huwa rrilaxxja l-istqarrijiet imsemmija huwa ma nghatax il-jedd li jikkomunika ma' avukat ta' fiducja tieghu u kien ghalhekk li huwa inkrimina ruhu ingustament u kellu l-process tieghu kompromess sa mill-bidunett.

Illi ghalkemm f'dan il-kaz l-esponent m'ghadx ghandu proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati, il-fatt li l-kaz tieghu ghadda in gudikat b'ebda mod ma jelimina l-lezjoni msemmija.

Illi ghalkemm is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fuq dan il-punt kienu jittrattaw proceduri pendenti, id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea japplikaw mutatis mutandis ghall-kaz odjern u din l-Onorabbli Qorti ghandha l-fakolta` li taghti rimedju hi stess.

Illi dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-dritt tas-smigh xieraq necessarjament tiskatta l-konsegwenza li din l-Onorabbli Qorti ghandha tipprovdi rimedju xieraq u effettiv ghal tali lezjoni u dan skond kif sancit fl-Arikolu 13 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319.

Ghalhekk ir-rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat li peress li l-process gudizzjarju ta' l-esponent kien kompromess sa mill-bidunett peress li ma kienx inghata l-jedd li jikkomunika ma' avukat qabel l-istqarrijiet tieghu, gew lezi d-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta'

Malta u fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament ma' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement li jigi ordnat ir-restituzio "in integrum" u dan billi jigi annullat il-process kriminali koncernanti s-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fil-konfront ta' l-esponent fit-8 ta' Marzu, 2010 u li jigi akkordat kumpens xieraq lir-rikorrenti minhabba l-pregudizzju minnu soffert ghar-ragunijiet premessi. U li jinghataw dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess:-

Illi in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur fic-cirkostanzi odjerni, ghandhom jigu michuda peress li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

(1) Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija impernijata fuq il-fatt illi fl-istadju bikri ta' l-investigazzjoni u cioe' fil-mument meta ittiehdet l-istqarrija ta' l-imputat, l-istess imputat ma kienx assistit minn avukat.

L-esponenti jissottometti li jirrizulta li l-istqarrija li minna qed jillanja l-imputat giet rilaxxata lill-Pulizija fil-21 t'Ottubru 2005, liema stqarrija giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa l-Onorevoli Magistrat Scerri Herrera. Illi sussegwentement kemm quddiem il-Qorti Istruttorja preseduta mill-Onorevoli Magistrat Hayman fil-25 ta' Jannar 2008 u fis-seduti sussegwenti kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali preseduta mill-Onorevoli Imhallef J. Galea Debono fit-8 ta' Marzu 2010, huwa ghazel li ma jaghmel l-ebda oggezzjoni jew xi allegazzjoni fir-rigward ta' tali stqarrija u jirrizulta li l-imputat ammetta l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u dan

dejjem fil-presenza u meta kien assistit mill-Avukat Difensur tieghu.

(2) Illi jirrizulta li r-rikorrent lanqas ma esawrixxa r-rimedji ordinarji konsistenti f'appell mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali jekk deherlu li l-istqarrija kienet irregolari u issa biss li l-proceduri Kriminali fil-konfront tieghu huma res judicata huwa ghogbu jqajjem din il-lanjanza.

(3) Illi minn imkien ma gie allegat u minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent gie b'xi mod imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Huwa nghata t-twissija skond il-ligi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta jingieb bi prova kontrih. L-esponent jissottometti ukoll li minkejja illi nghatat dina t-twissija, ir-rikorrent volontarjament u liberament ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu u ghazel li jwiegeb certi domandi u ohrajn ghazel li ma jwiegebx ghalihom. Dan juri li r-rikorrent kien qed jifhem l-import tac-cirkostanzi li kien jinsab fihom.

(4) Illi bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-hinijiet li ttiehdietlu l-istqarrija m'huwiex konsegwenza awtomatika ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, aktar u aktar meta kien hemm provi inkriminanti ohra a sodisfazzjon ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali li ikkorraboraw it-tezi tal-prosekuzzjoni u l-htija ta' l-imputat. Fil-fatt il-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-proceduri Kriminali li kkoraboraw l-fatti kif dikjarati fl-istqarrija in kwistjoni, kienu jikkonsistu f'99 pillola ecstacy misjuba fil-vettura li r-rikorrent kien passiggier fiha u 17 il-sachet kokajina u pillola ecstacy, apparti affarijiet ohra relatati mad-droga li gew misjuba gewwa r-residenza tar-rikorrent. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent ma tistax tittiehed wahedha u barra mill-kuntest tal-proceduri kollha fit-totalita taghhom u sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq f'dan il-kaz partikolari, hu mehtieg li jsir apprezzament tal-process kriminali tar-rikorrent fl-interezza tieghu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proceduri li jiffoka fuq l-istadju ta' l-interrogazzjoni.

(5) Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti processwali huwa manifest illi d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament id-dritt li jinghata assistenza legali fl-istadju tar-rilaxx ta' l-istqarrija, ma giex perikolat tul il-proceduri kollha.

(6) Illi d-decizjonijiet ikkwotati mir-rikorrent kienu jirreferu ghal proceduri kriminali pendenti filwaqt illi c-cirkostanzi in ezami jirreferu ghal proceduri li huma res judicata fejn kien hemm provi ohra sufficjenti inkriminanti li ikkoraboraw il-fatti kif ammessi mir-rikorrent fl-istess stqarrija u ghalhekk anke minghajr l-istess stqarrija l-Prosekuzzjoni jidher li kellha kaz sod kontra r-rikorrent.

Ghalhekk, skond l-intimat, it-talbiet kif dedotti fir-rikors in risposta m'ghandhomx jigu akkolti, bl-ispejjez.

Rat id-dikriet taghha tat-12 ta' Settembru 2011 li bih gie ordnat li jigu allegati l-atti tal-process tal-kawza kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Jorgen Brincat" deciza mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' Marzu 2010.

Rat in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali tat-28 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha giet esibita kopja awtentikata tal-atti tal-imsemmi process deciz fit-8 ta' Marzu 2010.

Rat l-imsemmija kopja awtentikata.

Semghat lill-Ispettur tal-Pulizija Pierre Grech, lill-Assistent Kummissarju Neil Harrison u lill-Avukat Dottor Anthony Barbara prodotti mir-rikorrenti.

Rat id-dikriet taghha tal-14 ta' Gunju 2012 li bih l-intimat gie awtorizzat li jippresenta risposta ulterjuri fis-sens li s-sentenza tal-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti hi l-frott ta' ammissjoni u patteggjament fejn ir-rikorrenti kien ukoll accetta l-piena stabbilita fl-istess sentenza. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti irrileva li dan hu stat ta' fatt li mhux kontestat u li jirrizulta mill-atti tal-process.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat fejn gie eccepit dak li gia gie indikat fil-paragrafu precedenti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota responsiva tal-intimat.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt**

Ir-rikorrent Jorgen Brincat qed jitlob li jigi dikjarat li l-process penali li gie celebrat kontra tieghu kien leżiv tad-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Artikolu 6(3)(c) konguntement ma’ l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja peress li ma kienx inghata l-jedd li jikkomunika ma’ avukat qabel ma huwa irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu waqt l-interrogazzjoni li saritlu mill-Pulizija. Ir-rikorrenti ukoll ikkonferma bil-gurament il-kontenut tal-imsemmiuja stqarrija quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

Sussegwentament għall-istqarrija, fejn ir-rikorrent irreġistra ammissjoni, huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat bi traffikar tad-droga kokaina u tad-droga MDMA (ecstasy) kif ukoll b’pussess tal-istess kokaina  u MDMA taht cirkostanzi li kienu juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Wara dan, ir-rikorrent tressaq, fuq ordni tal-Avukat Ġenerali, quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imsemmija akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghalhekk il-mertu tal-presenti proceduri hu l-istqarrija li rrilaxxja r-rikorrent meta kien qed jigi interrogat mill-Pulizija fil-21 ta’ Ottubru 2005, fejn l-istess rikorrent ammetta li f’xi okkazzjonijiet huwa kien biegh id-droga. Ir-rikorrent jissottometti li tali stqarrija giet rilaxxata minghajr

ma huwa kien assistit minn avukat, la qabel l-interrogatorju u wisq anqas matulu. Skond ir-rikorrenti, in vista tal-imsemmija ammissjoni, ma setghax ikollu d-difiza li ried li jkollu, f'kaz li kien assistit minn avukat meta rrilaxxja l-istqarrijiet in kwestjoni.

Skond ir-rikorrenti l-istqarrija in kwestjoni tippregudikah fid-difiza tieghu kif ukoll l-istes stqarrija kienet strumentali biex l-Avukat Generali jordna li r-rikorrent jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Ir-rikorrenti jilmenta li f'gheluq il-kumpilazzjoni kien hemm id-decizjoni tal-awtoritajiet kompetenti li appuntu jitressaq quddien il-Qorti Kriminali u din id-decizjoni fissret li l-kaz tieghu ma jigix deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn il-parametri tal-piena kienu jkunu ferm inqas. Ir-rikorrenti jallega li huwa ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu sabiex jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena, u illum il-gurnata huwa qed jiskonta piena ta' prigunerija ta' diversi snin oltre li gie ordnat li jhallas multa f'ammont mhux zghir ta' euro.

Dejjem skond ir-rikorrenti hu principju stabbilit li l-mankanza tal-prezenza ta' avukat fl-istadju in kwestjoni hi fil-fatt leziva tad-drittijiet tal-akkuzat ghall-smiegħ xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntement mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni. Inoltre r-rikorrenti ddikjara li hu minnu li s-sentenzi tal-Qorti Europea u tal-Qorti Kostituzzjonali li jirrigwardaw il-meritu in kwestjoni, kienu jittrattaw proceduri penali li kienu ghadhom pendenti pero', skond ir-rikorrenti dawn ghandhom japplikaw mutatis mutandis ghall-kaz in ezami fejn effettivament gia nghatat is-sentenza tant li r-rikorrenti qed jiskonta l-piena tal-prigunerija kif inflitta.

L-intimat Avukat Ġenerali jissottometti li ma kien hemm ebda leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrent. L-istqarrija li minnha jilmenta r-rikorrent giet rilaxxata lill-Pulizija fil-21 ta' Ottubru 2005, liema stqarrija giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa. Illi sussegwentement kemm quddiem il-Qorti Istruttorja kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali huwa ghazel li ma jaghmel l-ebda oggezzjoni fir-rigward ta' tali stqarrija u fil-fatt

ammetta l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u dan meta kien assistit minn avukat. L-intimat Avukat Ġenerali jgħid ukoll illi r-rikorrent lanqas ma eżawrixxa r-rimedji ordinarji konsistenti f'appell mid-decizjoni tal-Qorti Kriminali qabel ma  ntavola dawn il-proceduri li fin-natura taghhom huma eccezzjonali.

Illi l-intimat Avukat Ġenerali jgħid ukoll r-rikorrent ma giex bl-ebda mod imgieghel jaghti l-istqarrija tiegħu.  Huwa nghata t-twissija skond il-ligi li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta jingieb bi prova kontrih.  Ir-rikorrent  ghazel li jwiegeb certi domandi u ohrajn ghazel li ma jwiegebx ghalihom. L-intimat ikompli jissottometti li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-hinijiet li jagħmel l-istqarrija m'huwiex konsegwenza awtomatika ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Kien hemm provi inkriminanti sufficjenti li kkorraboraw il-ħtija tal-imputat. Fil-fatt il-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-proceduri Kriminali kkoraboraw l-fatti kif dikjarati fl-istess staqqarrija.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Fil-kawża kostituzzjonali odjerna, ir-rikorrent Jurgen Brincat jallega ksur tad-drittijiet tieghu sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(3)(c) konguntement mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-process penali li ssubixxa stante illi ma ngħatax id-dritt li jikkomunika ma' avukat qabel ma għamel l-istqarrija tieghu fil-hin li kien qiegħed jiġi interrogat mill-Pulizija dwar reati konnessi ma' traffikar tad-droga kokaina u tad-droga ecstasy kif ukoll b'pussesss tal-istess.

Minħabba dan l-allegat ksur tad-drittijiet tiegħu imsemmija, ir-rikorrent qed jittanta jwaqqa' sentenza ta' htija li nghatat fil-konfront tieghu. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti isostni li l-imsemmija sentenza kienet principalment ibbazata fuq l-imsemmija stqarrija tieghu. Ir-rikorrent qed jitlob ir-restitutio in integrum u cioe` illi l-qorti tannulla l-process kriminali u s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fit-8 ta' Marzu 2010 u jitlob ukoll kumpens ghall-pregudizzju li

garrab peress illi huwa ma kellux għajnuna legali fil-mument tal-istqarrija.

Kwindi l-kompitu ta' din il-Qorti hu li tezamina jekk seħħitx leżjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq, kif protett bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u cioe' bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 6(3)(C) u 6(1) tal-Konvenzjoni, meta huwa rrilaxxja l-istqarrija mingħajr ma seta qabel jikkonsulta ma avukat.

Id-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali invokati mir-rikorrent huma dawk relattivi ghas-smiegħ xieraq. Għall-fini tal-eżami jekk kienx hemm ksur tal-imsemmija drittijiet għandu jigi esaminat il-process kollu, fl-intier tieghu. Trid issir analizi ta' dak kollu li gara mill-mument li giet rilaxxjata l-istqarrija sal-mument tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. M'ghandux jigi esaminat biss mument partikolari li sehh waqt l-interrogazzjoni, cioe' meta giet rilaxxjata l-istqarrija. Dan gie ritenut fivarji sentenzi tal-Qorti Europea.

L-ebda wiehed mill-imsemmija artikoli li qed jigu invokati mir-rikorrenti ma jistabilixxi specifikament u esplicitament id-dritt tal-interrogat li jkollu għajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni. In effett dan id-dritt gie interpretat li hu inkluz fl-imsemmi artikolu 6 mill-Qorti Ewropea fl-2008 fil-każ Salduz vs Turkey. Fil-fatt il-Qorti Europea estendiet id-dritt ta' smiegh xierak ukoll ghall-istadju li jipprecedi l-kawza penali propja u ċioe' għal dak il-mument meta s-suspettat ikun qed jigi interrogat mill-Pulizija. L-istess Qorti Ewropea, sussegwentament għall-imsemmi kaz Salduz irreteniet li hu ormai prinċipju assodat illi min ikun qiegħed jiġi interrogat mill-Pulizija għandu d-dritt li jkun assistit sa' minn meta jibda jiġi interrogat mill-Pulizija. (Panovits vs Cyprus, 11 ta' Diċembru 2008). Dan l-iżvilupp fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ngħata għarfien ukoll mill-Qrati tagħna li ghandhom kompetenza kostituzzjonali.

Ir-rikorrenti jikkwota sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, speċifikament sentenza tal-11 ta` April 2011 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera." Huwa ghamel referenza ghal sentenzi ohra u cioe' wahda tat-12 ta` April 2011 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Victor

Aquilina) vs Mark Lombardi” u ohra tat-12 ta` April 2012 fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Supretendent Norbert Ciappara) vs Esron Pullicino.” F’ dawn is-sentenzi l-Qorti irreteniet illi l-għoti ta’ stqarrija minghajr assistenza legali jista’ jivvjola d-dritt fondamentali tal-persuna ghal smiegh xieraq u, f’dak il-każ, sentenza bbazata fuq tali stqarrija ghandha titqies nulla peress li tkun ibbazata fuq prova inammissibbli. Dan ifisser li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ikkwotati mir-rikorrent jirriproducu sostanzjalment dak li qalet il-Qorti Ewropea dwar il-prinċipju tad-dritt ghall-assistenza legali anke fil-fazi qabel persuna tkun akkuzata formalment cioe’ anke waqt il-fazi li persuna tkun tinsab arrestata qabel tigi akkuzata. Dan id-dritt huwa illum ukoll ikkodifikat fil-Kodiċi Kriminali fl-artikolu 355AT.

Il-Qorti hi konxja illi fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija tar-rikorrent li hija l-mertu ta’ din il-kawża kostituzzjonali, la l-Qrati ma kienu ippronunċjaw ruhhom dwar dan id-dritt tal-interrogat u lanqas il-liġi ma kienet tipprovdi li l-interrogat jista’ jkollu għajnuna legali waqt l-interogazzjoni u cioe’ effettivament fil-mument li r-rikorrenti rrilaxxa l-istqarrija in kwestjoni. Dwar dan xehed l-Ispettur Pierre Grech li kien l-iSpettur tal-Pulizija inkarigat mill-invstigazzjonijiet li wasslu ghall-process kriminali in kwestjoni li ghadda minnu r-rikorrent. Pero’ din il-Qorti tħoss illi xorta wahda hu l-kompitu tagħha li teżamina l-ilment tar-rikorrent. Ghalhekk il-Qorti ser teżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-proċeduri Kriminali li minnhom għadda r-rikorrenti u mhux ser teżamina biss in isolatio l-mument meta giet rilaxxata l-istqarrija. Kwindi ser jigu analizzati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ biex tara jekk inghatax smiegh xieraq lir-rikorrenti fil-proċeduri in kwestjoni.

Gie diversi drabi ribadit mill-istess Qorti Europea li sabiex jigi stabbilit li kien hemm, effettivament, lezjoni tal-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni ghandhom jigu esaminati l-proceduri kollha fit-totalita’ taghhom. Kwindi l-insenjament tal-Qorti Europea hu li l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma tistax tittiehed waheda izda ghandha tigi esaminata fil-kuntest tal-proceduri fit-totalita’ u fl-interezza taghhom.

Ghalhekk hemm bzonn li jigu esaminati c-cirkostanzi li fihom giet rilaxxjata l-istqarrija in kwestjoni. Hu ovvju pero' li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tesamina l-provi kollha prodotti biex tivverifika jekk ir-rikorrenti kellux jinstab hati tal-akkuzi u ukoll biex tivverifika jekk kienx hemm provi ohra li setghu jwasslu li r-rikorrenti jinstab hati fuq dawk il-provi, minnghajr referenza ghall-istqarrija tar-rikorrenti. Hu ovvju li tali kompitu jispetta lill-Qrati ta' kompetenza kriminali.

Ma jirrizultawx b'mod nett il-fatti u c-cirkostanzi li pprecedew ir-rilaxx tal-istess stqarrija. Hu fatt pero' li r-rikorrenti ma kkonsultax mal-konsulent legali tieghu qabel ir-rilaxx tal-istess stqarrija stante li, anke jekk ried li jkollu tali konsult, il-ligi, dak iz-zmien, ma kienitx tippermetti lill-interrogat jikkomunika ma avukat. Ma hemmx dubju li meta r-rikorrenti rrilaxxja l-istqarrija huwa ghamel att li seta eventwalment jippregjudukah anke irrimedjabilment u kwindi l-fatt per se li r-rikorrent ma kellux access ghall-avukat f'dak l-istadju, u inoltre li ma setax jikkonsulta mal-istess avukat hu lesiv tad-drittijiet fundamentali tieghu. Is-smiegh xieraq fi processi penali jimplika l-assistenza ta avukat mhux biss waqt li jkun qed jigi celebrat il-process propju izda ukoll fil-fazi li tipprecedi tali process. Hu ovvju li l-investigat jew ahjar l-imputat xorta wahda jista jinstab li hu hati tal-akkuzi fuq provi ohra pero' ma jistax jinstab hati semplicement u esklusivament fuq dak li jkun stqarr l-istess imputat.

Fl-opinjoni tal-Qorti d-drittijiet tad-difiza jigu serjament pregudikati meta l-interrogat u wara l-akkuzat jaghmel stqarrijiet, minnghajr ma jkun assistit minn avukat, liema stqarrijiet in neffett jinkriminawh. Hu principju assodat li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu, u li ghandu jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. Dawn il-principji huma kollha attinenti mal-kuncett ta smigh xieraq ("fair trial"). Fattur li hu importanti u li ghandu jerga jigi sottolineat hu li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt moghti mill-ligi biex ikun assistit minnn avukat. Dritt fundamentali m'ghandux jiddipendi, jekk ghandux jibda isehh, fuq id-diskrezzjoni ta xi awtorita' u dan lanqas

biex l-istess dritt jigi rikonoxxut. Tali dritt gie interpretat li hu moghti mill-ligi u ghalhekk ghandu japplika irrispettivament minn konsidrazzjonijiet ohra.

Nonostante dan kollu li nghad aktar il-fuq, il-Qorti ghandha pero’ tezamina ic-cirkostanzi kollha tal-process penali li ghadda minnu r-rikorrenti u mhux biss il-mument li fih ir-rikorrent irrilaxxa l-istqarrija sabiex jigi stabbilit jekk fid-dawl tal-istess process ir-rikorrenti sofriex lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu.

Kif gia stabbilit ir-rikorrent ma kkonsultax mal-konsulent legali tiegħu qabel ma rrilaxxa l-istqarrija billi dak iż-żmien ma kienx permess lill-interrogat jikkomunika mal-konsulent tiegħu qabel ma jirrilaxxa istqarrija. Inoltre r-rikors kostituzzjonali odjern ġie intavolat wara li l-kawza kriminali fil-konfront tar-rikorrent ġiet deċiża u in effett saret res judicata. Hu korrett l-intimat fis-sottomissjoni tieghu, li s-sentenzi li għalihom jagħmel referenza ir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, stabillew il-prinċipju illi l-għoti ta’ stqarrija minghajr assistenza legali jivvjola d-dritt fondamentali tal-persuna ghal smiegh xieraq, u ghalhekk kienu, kontrarjament għall-kawża tar-rikorrent, proċeduri kostituzzjonali li saru waqt li l-proceduri kriminali kienu ghadhom pendenti.

Jirriżulta li r-rikorrent kien interrogat mill-Pulizija fis-sena 2005 u li qabel ma r-rikorrent irrilaxxa l-istqarrija, li skond ir-rikorrent ġiet estrapolata b’mod leżiv għad-drittijiet tiegħu, lir-rikorrent inghatatlu s-solita twissija. Jirriżulta ukoll li tali stqarrija ngħatat b’libertà sħiħa u jirriżulta li r-rikorrent kien qed jifhem id-domandi li kienu qed isirulu. Inoltre jirrizulta li r-rikorrent qabel ma rrilaxxa l-istqarrija gie debitament imwissi li ma kienx obbligat jistqarr xejn ghaliex jekk jaghzel illi jaghmel stqarrija l-kontenut taghha seta` jintuza bhala prova kontra tieghu fi proceduri kriminali. Dan jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Ispettur Pierre Grech tat-12 ta’ Jannar 2012. Minkejja l-imsemmija twissija, ir-rikorrent irrilaxxa l-istqarrija volontarjament u liberament. L-istess xhud kompla jixhed li l-istqarrija hadet biex issir madwar siegħa u nofs u r-rikorrent ikoopera ħafna mal-pulizija.  Sussegwentament ir-rikorrent tressaq

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, kif gia nghad, b'akkużi relatati ma' pussess u traffikar, u f'dak l-istadju r-rikorrenti kkonferma l-istqarrija u inoltre rreġistra ammissjoni. Jiġifieri wara li kkonsulta mal-avukat difensur tiegħu, u fil-proċeduri kontrih quddiem il-Qorti, ir-rikorrent reġa irrepeta dak illi huwa kien stqarr mal-pulizija meta ma kienx assistit minn avukat, u kkonferma bil-gurament l-istess stqarrija. Ġara illi wara l-kumpilazzjoni, inħarġet l-ordni mill-Avukat Ġenerali li jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali.

Is-sentenza kontra r-rikorrenti ngħatat fit-8 ta' Marzu 2010 u dan wara li r-rikorrent għadda minn proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha. Ma sarx appell mir-rikorrenti kontra din is-sentenza u dan il-fatt jista jwassal sabiex possibilment jinghad li r-rikorrenti ma esawrix ir-rimedji kollha legali li kienu ghad-disposizzjoni tieghu qabel ma ntaviola dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz pero', skond il-ligi, din il-Qorti tista xorta wahda tiddeciedi li tittratta u tiddeciedi l-kawza. In effett l-ilmenti tar-rikorrenti huma ta' natura gravi u ghalhekk jimmeritaw li jigu indagati u decizi mill-Qorti. Hu fatt pero; li r-rikorrent seta appella biex jitlob ir-riforma tas-sentenza. Izda huwa ghazel li ma jappellax.

Jigi ribadit li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li teżamina l-provi kollha imressqa quddiem il-Qorti Kriminali, pero' jista jinghad li jidher li r-rikorrenti seta jinstab hati fuq provi ohra mhux unikament fuq l-istqarrija in kwestjoni. F'dan ir-rigward l-imsemmi xhud Spettur Pierre Grech fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 xehed illi apparti mill-ammissjoni kien hemm bhala provi id-droga nnifisha u xi oġġetti relatati, bħal per eżempju, kien hemm xi miżien u xi pipa. Ghalhekk jista' jkun li l-istqarrija serviet ta' prova, imma jidher li l-istqarrija kienet ikkoraborata minn provi oħrajn li setghu wasslu biex eventwalment ir-rikorrent instab ħati.

Jirriżulta ukoll li r-rikorrenti ppatteggja l-piena li eventwalment giet inflitta mill-Qorti. Sar ftehim bejn ir-rikorrent u l-Avukat Generali fis-sens li, in vista tal-ammissjoni, il-piena li kellha tigi nflitta kellha tkun dik tal-prigunerija ghal perijodu ta' sitt snin oltre l-hlas ta' multa ta' hmistax-il elf euro (€ 15,000). In effett is-sentenza

nghatat fit-termini ta’ dan il-ftehim. Meta jigi analizzat il-process kollu li minnu ghadda r-rikorrenti, fl-interezza kollha tiegħu, u mhux sempliċiment il-mument tal-interogazzjoni meta giet rilaxxjata l-istqarrija, jista jigi konkluz li ma kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrent. Il-fatti li jirrizultaw li sehhu ma tul il-proceduri penali jindikaw b’mod car li jekk seta’ kien hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti, dak li segwa r-rilaxx tal-istqarrija jwassal sabiex jinghad li fl-ahhar mill-ahhar tali lezjoni giet ribaltata u li kwindi jista jinghaad li in fin dei conti tali lezjoni ma sehhitx.

Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra li kien hemm lezjoni meta lir-rikorrenti gie negat access ghall-konsulent legali fil-hin li huwa kien qed jirrilaxxa l-istqarrija meta kien qed jigi interrogat mill-Pulizija. Ma jirriżultax pero’ li tali stqarrija waheda kienet ser twassal ghas-sejbin ta htija tar-rikorrenti stante li jidher li kien hemm provi ohra kontra r-rikorrenti. Inoltre r-rikorrenti ammetta, mhux darba wahda, l-imputazzjoniet. Ir-rikorrent ppatteggja l-piena li eventwalment giet inflitta fuqu. Dan kollu sehh meta r-rikorrenti kien assistit minn avukat ta’ fiducja tieghu. M’ghandux jigi permess lir-rikorrenti jirribalta gudizzju moghti minn Qorti kompetenti wara process ghal kollox regolari u meta huwa kien debitament assistit minn avukat. Ghalhekk hu zgur li ma jistax jinghad li bl-imsemmija stqarrija r-rikorrent ippregudika l-posizzjoni tieghu..Ir-rikorrenti, wara li rrilaxxja l-istqarrija, kellu kull opportunita’ jikkontestha u specikitament fil-proċeduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu pero’ huwa għażel li jikkonferma tali ammissjoni. Inotre jidher li r-rikorrent gawda mill-garanziji proċedurali kolllha.

Wara li qieset kull ma sehh fil-gudizzju li ghadda minnu r-rikorrent quddiem il-Qorti ta` gudikatura kriminali din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrent ma garrab l-ebda vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq u dan bit-teħid tal-istqarrija tar-rikorrent mingħajr l-għajnuna ta’ avukat.

Kwindi, ir-rikorrent ma irnexxielux jipprova illi l-istqarrija rilaxxata minnu fil-21 ta’ Ottubru 2005, meta kien qed jigi

interrogat mill-Pulizija u meta ma kienx assistit minn avukat u fejn ammetta li f'xi okkazzjonijiet huwa kien biegh id-droga, kkawżat lilu ksur tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif prottett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Huwa kien imwissi mill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta jingieb bi prova kontrih skond il-liġi qabel ma ta din l-istqarrija. Jirriżulta illi waqt li irrilaxxa l-istqarrija, ir-rikorrent fehem illi huwa seta jwieġeb u seta ma jwieġebx, tant illi għal ċerti domandi huwa wieġeb filwaqt illi għal oħrajn huwa għażel illi ma jweġibx. Kif ġie ritenut aktar 'l fuq, din l-istqarrija ġiet ikkonfermata mir-rikorrent quddiem il-Magistrat tal-Ghassa u dan meta huwa kien assistit.

Inoltre jidher li r-rikorrent ibbenefika minn din l-ammissjoni billi kien hemm tnaqqis fil-perijodu ta' prigunerija. Is-sentenza nghatat wara li sar patteġjament dwar il-piena. Jidher li l-htija ma nstabitx biss għab-bażi tal-istqarrija, anzi jidher li kien hemm provi ohra li setghu jinkriminaw lir-rikorrent fosthom is-sejbien tad-droga kokaina u ecstasy u affarijiet oħra relatati mad-droga. Kwindi, anke minghajr l-istess stqarrija l-Prosekuzzjoni jidher li kellha kaz kontra r-rikorrent.

Fir-rigward ta' dak li issottometti r-rikorrent fir-rikors promotur tieghu dwar li l-Avukat Generali hareg att ta' akkuza minflok ma rrimetta lir-rikorrenti biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza kriminali, ghandu jinghad li tali decizjoni tirrientra pjenament fil-poteri u fid-dikrezzjoni tal-intimat Avukat Generali. Kwindi, din il-Qorti, minkejja illi fiz-zmien meta r-rikorrent rrilaxxja l-istqarrijiet in kwestjoni ma nghatax il-jedd li jikkomunika ma' avukat ta' fiducja tieghu, xorta waħda din il-Qorti tifhem li biex tasal għall-konklużjoni tagħha fuq it-talba tar-rikorrent, l-istqarrija ma għandhiex tittieħed barra mill-kuntest tal-proċeduri kollha li ghadda minnhom ir-rikorrenti.

Infatti wara apprezzament tal-process kriminali fl-interezza tieghu, jista jigi konkluz li r-rikorrenti ma ppruvax illi ġie leż id-dritt tiegħu ghall-smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-

Drittijiet tal-Bniedem u ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, t-talbiet tar-rikorrent jisthoqqilhom li jigu rigettati.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------